MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 550/2007

**GO P.l.c**

**vs**

Veronica **GAUCI** u Joseph Debono

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors imressaq fit-18 ta' Mejju, 2008, li bih u għar-raġunijiet fih imsemmija, l-kumpannija rikorrenti tablet li terġa' tagħmel eżekuttiva sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2001, fil-kawża fl-ismijiet *"Maltacom P.l.c vs. Veronica Gauci u Joseph Debono"* (Ċit. Nru. 2633/97 GV) u dan għaliex għaddew iżjed minn ħames (5) snin minn mindu dik is-sentenza kienet ingħatat;
Rat in-Nota mressqa mill-intimat Joseph Debono fit-8 ta' Ġunju, 2007, li biha iddikjara li huwa ma kienx kontra li tintlaqa' t-talba;

Rat li l-intimata Veronica Gauci, notifikata kif imiss bl-atti tar-Rikors għall-finijiet ta’ l-art 187 (3) tal-Kap 12 baqgħet ma dehritx meta ssejħet il-kawża u lanqas ikkontestat it-talba b’xi mod ieħor;

Rat id-degriet tagħha ta’ l-4 ta’ Diċembru, 2007, li bih ordnat bdil fl-isem tal-kumpannija rikorrenti;

Rat li r-rappreżentant tal-kumpannija rikorrenti kkonfermat bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tal-kumpannija rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa’ t-talba ta’ l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------